MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 905/2008

**European Pilot Academy Ltd. (C35885)**

**vs**

**Geoffrey Farrugia (ID no. 366483M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u hmistax-il Euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,115.78), rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' kors ta' "Flight Training" moghti lill-konvenut li baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 27 ta' Novembru, 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li qed tigi prezentata kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mija u hmistax-il Euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,115.78), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------